MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Avviz Numru. 560/2002

**Avviz numru 560/02 DM**

**Vincent Cuschieri Limited**
**Vs**
**B.F.C. Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elf, tmin mija u erbgha u disghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm1,894.10), prezz ta' merci lilhom mibjugha u kkonnsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' April, 2000, u tal-31 ta' Lulju, 2001, u bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' April, 2000, sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi :

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi huma qatt ma pprokuraw ebda prova ta' fornitura tal-merci msemmija nonostante li gew mitluba diversi drabi sabiex jaghmlu dan u inoltre stante li t-talba attrici tinsab preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u dan billi ghaddew aktar minn hames (5) snin mill-allegata konsenja tal-merce in kwistjoni.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Qabel ma' l-Qorti tista' tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-konvenuti, trid qabel xejn tiddetermina x' sistema ta' konteggi kienu jzommu bejniethom il-kontendenti.

Minn naha tal-konvenuti, permezz tad-deposizzjoni ta' Mose' Bugeja, jirrizulta illi huma kienu jaddottaw sistema fil-konfront tal-kumpanija attrici permezz ta' liema kienu jhallsu l-import ta' kull invoice partikolari u ma kienux jaghmlu pagamenti akkont tal-bilanc totali illi jkun jirrizulta, xahar wara xahar.

Din l-eskluzzjoni ta kont kurrenti giet kkonfermata ukoll minn John Cuschieri, direttur tal-kumpanija attrici, illi kkonferma illi l-ammont li l-kumpanija attrici qed titlob f' dan l-avviz jirreferi ghal invoice specifikati u esebixxa l-invoices partikolari bil-firma ta' min irceva l-merkanzija fihom indikata. Infatti, l-istess John Cuschieri jkompli jsosstni li, anke meta l-kumpannija konvenuta kienet taghmel xi pagament illi ma kienx ikun marbut specifikatament ma' xi invoice partikolari, huwa kien jakkredita dak il-pagament ghall xi invoice l-iktar antika.

Ghalhekk billi mill-istatement esibit a fol 15 sa fol 23 tal-process ma jirrizultawx il-pagamenti illi gew akkreditati ghal invoices precedenti bhal ma huma invoices li jirreferu ghas-sena 1993, jirrizulta illi il-pagamenti li kienu jghamlu l-konvenuti kienu dejjem qeghdin isiru b' riferenza partikolari ghal invoices specifikati u biex jigu saldati dawk l-invoices li fil-fatt gew saldati.

Ghaldaqstant il-Qorti tistabbilixxi illi effettivament bejn il-kontendenti ma' kienetx qed tinzamm forma ta' kont kurrenti izda ghal kull konsenja partikolari kien qed isir bejgh ta' merci separat u distint minn kull bejgh iehor li jirreferu ghalih l-invoices l' ohra mahrugin mill-kumpanija attrici.

Infatti, kieku l-kumpannija attrici kellha tinsisti illi bejn il-kontendenti kien qed jinzamm kont kurrenti, l-obbligu taghha biex tipprova l-kreditu taghha, ma kienx jikkonsisti esklussivament fil fatt li tipprezenta invoices partikolari, izda kellha tipprezenta l-invoices kolla li jirrigwardaw kull bejgh ta' merci li sar mill-kumpannija attrici lil kumpannija konvenuta, sabiex mit-total tal-prezz ta' dawn l-istess invoices jista' jigi kkalkolat il-bilanc wara li jigu akkreditati l-pagamenti kollha li saru akkont.

Ghalhekk it-talba attrici tirrizulta li hija diretta sabiex jingabar il-prezz biss ta' dawk il-prodotti minnha mibjughin bl-invoices partikolari esebiti minn fol 24 sa 44 tal-process u li huma mferrxin fuq medda ta' snin b' effett mit-3 ta' Marzu tas-sena 1993, sal-25 ta' Lulju tas-sena 1997.

Ghalkemm ix-xhud Raymond Sciortino jixhed illi l-konvenuti kienu irrikonoxxew li huma debituri tal-bilanc indikat f' dan l-avviz u kienu promettew u sahansitra anke ghamlu xi pagamenti akkont, minn naha tal-konvenuti dana huwa michud kategorikament, anzi jsostnu illi ghall-invoices partikolari li l-kumpannija attrici qed titlob il-hlas dawn jew kienu diga saldati jew inkella l-import taghhom ma kienx dovut.

Ghalhekk fin-nuqqas li jirrizulta xi rikonoxximent tal-kreditu da parti tal-konvenuti u billi bejn l-1993 u anke l-25 ta' Lulju tas-sena 1997, sat 18 ta' Settembru, 2002, meta gie pprezentat l-avviz odjern, jirrizulta li ghaddew il-hames (5) snin kontemplati mill-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili li huwa applikabbli ghal din l-azzjoni u jispetta lill-istess atturi illi jippruvaw illi saret xi nterruzzjoni tal-perjodu preskrittiv qabel il-prezentata ta' dan l-avviz fejn jirrigwarda kull invoice datata qabel 18 ta Settembru 1997.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-unika nterruzzjoni tal-perjodu preskrittiv li saret kien b' effett ta' l-ittra ufficjali spedita mill-atturi fil-konfront tal-konvenuti, fil-21 ta' Lulju, 2001, esebita bhala dokument JC 3 a fol 56 tal-process, liema ittra ghalhekk interrompiet il-preskrizzjoni ghal kull kreditu li jippretendu l-atturi, naxxenti wara l-21 ta' Lulju tas-sena 1996.

Konsegwentement dwar dak il-bejgh kollu li l-kumpanija attrici tallega li ghamlet lil konvenuti bejn it-3 ta' Marzu, 1993 u d-9 ta' Mejju tas-sena 1995, il-kumpannija attrici hija prekluza milli tkompli bl-azzjoni taghha ghall-hlas tal-prezz billi din l-azzjoni tinsab preskritta bl-iskadenza tal-perjodu ta' hames (5) snin, izda ghal dak il-kreditu li jirrizulta mill-invoices li jirrigwardaw il-bejgh li sar fit-18 t' April, 1997 u 25 ta' Lulju, 1997, l-azzjoni attrici ghall-hlas tal-prezz ta' dawn l-invoices fl-ammont kompessiv ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u erbghin centezmu (LM155.40c) ma tirrizultax li hi preskritta.

Konsegwentement il-Qorti qeghdha tilqa' l-eccezzjoni tal-perskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, fejn it-talba attrici tirrigwarda l-hlas tal-prezz indikat f' dawk l-invoices li jirrigwardaw kull bejgh allegat sad-9 ta' Mejju, 1995, filwaqt li tichad din l-eccezzjoni, fejn jirrigwarda l-invoices tas-sena 1997 u konsegwentement qeghdha tilqa' t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lil atturi s-somma ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u erbghin centezmi (LM155.40c) ghall-prezz ta' merci lilhom mibjugha u kkonsenjati fit-18 t' April, 1997 u l-25 ta' Lulju, 1997 bl-imghaxijiet legali mit-28 t' April tas-sena 2000.

Bl-ispejjez kollha a kariku ta’ l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------